# B'tifkira għażiża P. Ermannu Mizzi ocd (1924 - 2016)



Franġisku Saverju twieled fi Fleur-de-Lys, wieħed mill-ulied ta' Emanuel u Leonilda Mizzi, fis-6 ta' Ġunju 1924. Ta' 16-sena Saverin għażel li jwieġeb għas-sejħa ta' ħajja reliġjuża fl-Ordni Karmelitan Tereżjan. Daħal fil-Novizzjat ta' S.Tereża, Bormla, fl-1 ta' Diċembru 1940, meta ngħata l-isem ta' Ermannu ta' S. Irinew. Ipprofessa solenni fl-14 ta' Jannar 1945. L-istudji għas-saċerdozju għamilhom fil-kunvent ta' S. Alfons B'Kara. Kien żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Gonzi fil-Konkatidral ta' S. Ġwann, il-Belt, nhar it-13 ta' Marzu 1948.

Fuq talba tal-Kard. Ewġenju Tisserant, P. Ermanu sena wara l-ordinazzjoni kien ġa fi triqtu bħala missjunarju fl-Iran, imbagħad fl-Iraq u l-Kuwajt fejn dam iservi ħafna drabi waħdu lill-Kattoliċi ta' kemm-il rit, bosta minnhom ħaddiema mal-kumpaniji taż-żejt... sal-1975, meta ġie mkeċċi flimkien ma' missjunarji oħra. Intant kien ġie msejjaħ biex jaqdi bla 'peritus' fl-ewwel snin tal-Konċilju Vatikan II. Wara l-esperjenza fl-Iraq reġa' lura Malta u ntbagħat fil-kunvent f'Ta' Xbiex. Hawn qeda għal żmien qasir bħala superjur. Serva wkoll fil-kunvent ta' Bormla. Fl-istess waqt għamel kors ta' arkeoloġija fl-università ta' Malta u kien membru ta' Din l-Art Ħelwa.

Imbagħad fl-1979 huwa talab u qala' biex jerġa' jmur il-missjoni fl-Eġittu. Kien żmien ta' taħbit ġdid għall-P. Ermannu. Minħabba l-profiċjenza tiegħu fil-lingwi tal-post ħa ħsieb ir-restawr u t-tkabbir tal-kunvent f'Xubra, ġab *up to date* l-amministrazzjoni tal-proprjetà tal-Ordni fl-Eġittu, mexxa l-immodernizzar b'apparat mill-Ġermanja u personnel mediku, l-aktar Pollakk, fiż-żewġ 'clinics' jew sptarijiet żgħar li l-patrijiet kellhom f'Xubra, f'xifer il-Kajr, u f'Alessandrija. Hu stess studja għal sena biex kiseb diploma ta' *nursing* ħalli jkollu l-*warrant* mill-gvern għat-tmexxija tagħhom. Barra dan bħala superjur tar-reliġjużi fl-Eġittu huwa ħaseb għall-promozzjoni tal-vokazzjonijiet biex ikunu r-reliġjużi tal-post li jkomplu l-missjoni tal-Karmelu hemm. Ma għandux jintesa, li f'Xubra hemm il-Bażilika popolari ħafna għall-Kattoliċi u l-Musulmani ddedikata lil S. Tereża tal-Bambin Ġesù, li hija dik li hija llum bis-sehem tar-reliġjużi Maltin fl-għoxrinijiet tas-seklu għoxrin, Fra Lwiġi Poggi u Fra Danjel Abdilla, u li P. Ermannu fi żmienu ħa ħsieb li ma jkun jonqosha xejn.

P. Ermannu baqa' ħabrieki u pożittiv sal-aħħar. Kien assidwu fis-servizz tal-qrar fis-Santwarju ta' S. Tereża tal-Bambin Ġesù u attiv fil-komunita' ta' B'Kara fejn kien membru f'dawn l-aħħar snin.

Miet fl-Isptar Karen Grech ma' sbieħ l-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2016, fl-età venerabbli ta' 91 sena. Il-quddiesa tal-funeral saritlu fis-Santwarju tal-Qaddisa tal-Missjonijiet. imdawwar minn ħutu r-reliġjużi u membri tal-familja tiegħu. Indifen fil-kripta tal-knisja S. Tereża ta' Ġesù, Bormla.

Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ u l-hena ta' dejjem.